MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 1026/1998/1

**Martin Bugelli ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Fun Drive Limited**

**vs**

**Gordon Agius**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabilita skond il-Ligi, ihallas lis-socjeta attrici Fun Drive Limited is-somma ta' tlett mija hamsa u tmenin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm385.15) jew somma ohra verjuri ammont rappresentanti d-danni sofferti mis-socjeta attrici, kif ukoll thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hamsin lira Maltin (Lm50.00) ammont rappresentanti d-danni lilu kagunat bhala telf ta' uzu tal-istess vettura, liema danni gew sofferti bhala risultat ta' l-incident awtomobilisitku li sehh fit-22 ta' Settembru 1996 ghall-habta tas-7.00p.m. gewwa

l-Mosta bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni X-4369(M) misjuqa minn Michael Bezzina u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni E-2591 (M) liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolament tat-traffiku da parti tieghu,

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Settembru 1997 u interessi legali mid-data tan-notifika, sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 15 ibid) u li biha eccepixxa:-

Illi hu m'ghandu jhallas xejn ghax ghall-incident stradali in kwistjoni ma kienx jahti hu.

Rat l-atti tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif jidher mill-verbali a fol 38 u 39, il-konvenut ma gabx a konjizzjoni tal-istess Qorti, xi prova in sostenn tal-eccezzjoni sottomessa minnu.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi da parti tal-attur nomine jew prodotti diversi provi kif ser jinghad:-

a) <u>PS 112 Jimmy Muscat</u> (fol 31 et seq ibid) li, oltre li esebixxa kopja tar-rapport, tal-iskizz kif ukoll ta' certifikat mediku relattivi ghal dan l-kaz (fol 34 u 36 ibid) spjega li Triq it-Trincetta fil-Mosta, fejn gara dan l-incident stradali, ghall-habta tas-7p.m. hi triq <u>pjuttost wiesa' minghajr ma hemm xi tip ta' linja medjana</u>. B'referenza ghall-istess skizz, hu skalat "in parte" kif spjegat fl-istess xhieda, u kompla jghid li kien nizzel fejn kien l-"spot of impact" a basi ta' "hafna hgieg" kif ukoll ta' qbil bejn il-partijiet involuti li dan "kien x'imkien hemmhekk". Inoltre, kif kompla jispjega l-istess xhud , il-partijiet kienu qablu wkoll

illi "… b'referenza ghal(l)-karozza "dotted" li hemm fuq l-iskecc, li hemmhekk kien hemm karozza ipparkeggjata" li, pero', ma kienetx fil-post indikat meta wasal fuq il-post. Faccata ta' din, fuq in-naha l-ohra tat-triq, kien hemm karozza ohra parkeggjata li instabet minnu fl-istess post kif indikat fl-iskizz.

b) Michael Bezzina li kien qed jsuq il-karozza tal-kiri numru X-4369 appartenenti lill-attur nomine xehed li mieghu kien hemm omm martu Imelda Farrugia. Waqt li kien "… ghaddej fuq is-"side" tieghu, fuq ix-xellug" giet karozza ohra, misjuqa mill-konvenut "… mid-direzzjoni opposta fl-istess triq …." Hawnhekk, minhabba "promozzjoni" li gietu, hu qal lill-istess omm martu "…. Dan gej fuqna". Ghalhekk sabiex jevita dan, hu gibed "aktar il-gewwa lejn ix-xellug" izda "l-iehor lahaq laqatni" fuq in-naha tal-lemin tal-karozza misjuqa minnu, fuq l-fanal, "mudguard" u l-bieba. Wara l-habta, l-konvenut baqa jsuq ghal certa distanza sakemm waqaf.

Jigi notat li l-istess xhud specifika "ma nistax nghid jekk l-iehor kienx "wrong side" jew le. Jiena hawnhekk nghid li jiena kont fuq is-"side tieghi" (ara ukoll ix-xhieda tal-istess Imelda Farrugia a fol 22 u 23 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, kif di gja gie premess, il-konvenut ma ssottometta l-ebda prova in sostenn tal-eccezzjoni sottomessa minnu.

Illi, minn analisi tal-provi kif esposti, ma hemm ebda dubju li l-vettura misjuqa mill-konvenut laqtet dik misjuqa minn Michael Bezzina minhabba li l-istess konvenuta mar oltre l-linja medjana immaginarja tal-istess Triq anke jekk bi ftit u minimament. Dan jirrizulta mix-xhieda tal-istess Michael Bezzina flimkien ma' dak muri fuq l-iskizz imsemmi bhala "spot of impact".

Ikkunsidrat

Illi ma kien hemm ebda kontestazzjoni dwar l-ammont ta' dani pretiz kienu bhala "damnum emergens" kemm bhala "lucrum cessans" (ara fol 3 sa fol 10 al-atti).

Ghal dawn il-motivi, tilqa t-talbiet attrici u:

1) tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza, tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

2) tillikwida l-ammont traffiku ta' danni fis-somma Lm435.15,0 u;

3) tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur nomine is-somma ta' Lm435.15,0 bl-imghax legali mid-data tan-notifika lill-konvenut tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Settembru 1997 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Settembru 1997.

Alan Calleja
Deputat Registratur